MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2011

Numru 51/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Mustafa Ahmed El Gamoudi.**

Il-Qorti

1. Rat l-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentati mill-akkużat fit-12 ta' Jannar 2010.

2. Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-14 ta' Jannar 2010 b'referenza għan-Nota tal-akkużat.

3. Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-21 ta' Jannar 2011 b'referenza għas-seduta dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li seħħet fl-ismijiet premessi li biha esibixxa s-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta versus Carmel Vella' mogħtija mill-Prim Imħallef Emeritus

Dr Vincent Degaetano u dan in sostenn tar-risposta għall-eċċezzjoni enumerata 9 kif imqajma mid-difiża.

4. Rat ukoll ir-rikors tas-7 ta’ Jannar 2010 li fiha l-Avukat Ġenerali kien talab li jsiru xi korrezzjonijiet fl-indikazzjoni tal-artikoli fl-att tal-akkuża.

5. Rat in-Nota magħmula għan-nom tal-akkużat li bih l-abbli difensur irtirat it-tieni u s-sitt eċċezzjoni kif jirriżulta wkoll mill-verbal tal-11 ta’ Jannar 2011.

6. Rat ukoll id-digriet tal-istess Qorti kif preseduta li bih, wara li semgħet kemm lid-Difiża kif ukoll lill-Prosekuzzjoni, u wara li rat ir-rikors tas-7 ta’ Jannar 2010 (paragrafu 4) awtorizzat korrezzjoni fl-att tal-akkuża bil-bdil fl-artikoli kif intalab mill-Avukat Ġenerali.

Ikkonsidrat

**L-ewwel eċċezzjoni – In-Nullita’ tat-tieni Kap tal-att tal-akkuża**

7. Skond l-abbli difensur il-fatt miġjub ma jikkostitwix fis-sustanza r-reat miġjub jew deskritt fit-tieni Kap. Fit-tieni Kap l-akkużat qed ikun akkużat bi stupru. Issa fil-parti narrativa mkien m’hemm imsemmi l-konġunġiment karnali. Barra dan, minħabba li dan ir-reat jinħtieġ in-nuqqas ta’ volonta’ da parti tal-allegata vittma, allur kien jinħtieġ li din in-nuqqas ta’ volonta’ kellha tkun espressa. Il-kliem ‘hi beżgħet’ mhux biżżejjed biex joħroġ dan it-tieni element.

8. Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li hi kienet użat il-kliem ‘ikollu x’jaqsma sesswalment’ flok ma użat ilpkliem ‘konġunġiment karnali’. Barra minn dan, mix-xhieda tal-allegata vittam jirriżulta li ‘hi ma riditx’ iżda li hi beżgħet minħabba l-fatt li kien hemm uliedha fid-dar u wara l-allegat tentattiv li għamel żewġha fuqha.

9. Il-Qorti rat it-Tieni Kap kif redatt fejn intużaw il-kliem ‘l-akkużat ried ikollu x’jaqsam ma’ martu sesswalment’ u

‘subiet lill-akkużat kontra qalbha u b’mod involuntarju u kellha toqgħod għal kull ma qalilha’’

10. Fil-fehma tal-Qorti l-kliem ‘l-akkużat ried ikollu x’jaqsam ma’ martu sesswalment’ mhux ekwivalenti għall-kliem ‘konġunġiment karnali’ u għalhekk il-Qorti qed tordna li l-parti narrativa tat-tieni Kap tal-Att tal-Akkuża għandha tkun emendata u l-kliem ‘konġunġiment karnali’ jidhru fil-parti narrativa.

11. Min-naħa l-oħra n-nuqqas ta’ volonta’ huwa rifless ampjament fil-kliem ‘kontra qalbha, b’mod involuntarju u kellha toqgħod kontra qalbha’. Dawn il-kliem jirriflettu sew in-nuqqas ta’ volonta’ tal-allegata vittma.

12. **Għaldaqstant waqt li l-Qorti qed tordna li ssir il-bidla fil-kliem kif suġġerita mid-difiża dwar il-‘konġunġiment karnali’ minħabba li dan l-element ma joħroġx ċar biżżejjed fin-narrattiva tat-tieni Kap, min-naħa l-oħra mhix qed tilqa’ s-sottomissjoni tad-difiża dwar in-nuqqas ta’ volonta’ għaliex dan l-element huwa rifless sew fil-kliem alternattiv ieħor użat mill-Prosekuzzjoni**.

**It-Tieni Eċċezzjoni**

18. Din kienet irtirata u l-Qorti mhux tieħu konjizzjoni tagħha.

**It-tielet Eċċezzjoni – Estinzjoni tal-Akkuża fit-Tielet Kap**

19. It-tielet Kap huwa dwar theddid li allegat sar mill-akkużat lil martu. It-theddid imsemmi ma jaqax taħt dispożizzjonijiet oħra tal-Kap 9 ħlief dik indikata mill-istess Prosekuzzjoni. Din hija l-kontravenzjoni li taqa’ taħt l-artikolu 339(e) tal-Kap 9. Iż-żmien tal-preskrizzjoni għall-kontravenzjonijiet huwa ta’ tliet xhur (Artikolu 688(f) tal-Kap 9).

20. Minn eżami akkurat tal-proċess, ma jirriżultax li kien hemm tali imputazzjoni inkluża meta l-akkużat tressaq l-

akkużat quddiem il-Qorti jew wara. Minħabba li l-każ allegatament seħħ fl-10 ta' Settembru 2006, u minħabba li l-att tal-akkuża kien ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2009, jirriżulta li kienu għaddew aktar minn tliet xhur minn meta l-akkużat kien mgħarraf bl-imputazzjoni jew bl-akkuża. **Għaldaqstant il-Qorti qed tiddikjara li l-akkuża fit-tielet Kap hija preskritta u għandha titneħħa mill-Att tal-Akkuża.**

**Ir-raba' eċċezzjoni – l-addebitu tar-reċidiva m'hemmx bażi għalih.**

21. Skond is-sentenza mogħtija l-akkużat kien ikkundannat għall-ħlas ta' multa. Biss, matul it-trattazzjoni, il-Prosekuzzjoni spjegat li mis-sentenza jirriżulta li l-akkużi kienu ta' natura involontarja. Ġaladarba l-akkużi kienu ta' natura involontarja, japplika l-artikolu li jeskludi r-reċidiva f'tali ċirkostanzi. **Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tad-difiża u tordna li kull fejn fl-att tal-akkuża hemm referenzi għar-reċidiva, dawn għandhom jitneħħew għal kollox.**

**Il-ħames eċċezzjoni – il-piena mitluba hija żbaljata.**

22. Bħala konsegwenza tad-deċiżjoni dwar ir-raba' eċċezzjoni (paragrafu 21), il-piena indikata fi kwalunkwe Kap tal-Att tal-Akkuża għandha tinbidel biex tirrifletti li l-addebitu tar-reċidiva tneħħa mill-Att tal-akkuża. **Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni ad-difiża.**

**Is-Sitt Eċċezzjoni – l-inammissibilita' tax-Xhieda ta' Amy Catania (29 ta' Jannar 2007)**

23. Din l-eċċezzjoni kienet irtirata u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha.

**Is-Seba' Eċċezzjoni – L-inammissibilita' tar-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri**

27. Minħabba li Dr Mario Scerri ma kienx maħtur vħala espert mill-Qorti, id-dokument għandu jitneħħa mill-cover tiegħu u jibqgħu biss ir-ritratti u l-kostatazzjonijiet fattwali. Għandhom jitneħħew il-konklużjonijiet ukoll.

**It-Tmien Eċċezzjoni - L-inammissibilita' tax-xhieda ta' Dr Mario Scerri salv is-siltiet fejn jagħmel kostatazzjonijiet fattwali.**

28. Għandhom jibqgħu biss dawk li huma purament kostatazzjonijiet ta' fatt.

**Id-disa' eċċezzjoni – L-isfliz tax-xhieda ta' Ylenia Catania (fol 187 – 193) għax it-traskrizzjoni ma ġietx iffirmata mill-Maġistrat li kkonduċiet l-istruttorja.**

29. Skond id-difiża, l-artikolu 395 tal-Kap 9 jesiġi li tali xhieda trid tkun iffirmata mill-Maġistrat.

30. Il-Prosekuzzjoni rreferiet għall-artikolu 396 bħal risposta u permezz ta' nota pproduċiet sentenza datata 8 t'April, 2010 ta' din l-istess Qorti diversament preseduta (Numru 22/2009).
(Ir-Repubblika ta' Malta versus Carmel Vella).

31. Il-Qorti rat kemm l-artikolu 395 kif ukoll l-artikolu 396 tal-Kap 9.

Dawn jipprovdu kif ġej:

'395. L-eżami tax-xhieda u tal-imputat għandu jiġi ffirmat mill-maġistrat.

396. Kull dokument miġjub matul il-kumpilazzjoni għandu jiġi kontro-firmat mill-maġistrat, u notament ta' din il-produzzjoni għandu jitniżżel fuq id-dokument stess mir-reġistratur jew mill-uffiċjal li jagħmel floku.'

32. Is-sentenza msemmija tgħid dan li ġej:

''Din il-Qorti, pero', kif illum preseduta, hi tal-fehma li dawn is-sentnzi huma korretti biss in kwantu jirreferu għal meta x-xhieda tittieħed bil-mod kif indikat fl-artikolu 390 (1) tal-Kap 9 – 'Kollox għandu jitniżżel bil-miktub' u cioe' għal meta l-Maġistrat jisma' x-xhud u dak il-ħin iniżżel bil-miktub dak li x-xhud ikun qal – iżda ma humiex korretti meta d-depożizzjoni tax-xhud tkun ittieħdet skond id-dispożizzjonijiet tal-Att XVI tal-1980 (illum Kap 284). Infatti l-iskop tal-artikolu 395 – li, tajjeb wieħed jgħid, l-aħħar li ġie emendat kien bl-Order in Council tal-1899 – hu li jawtentika li dak li tniżżel hu verament dak li jkun qal ix-xhud. Din hi l-istess forma ta' awtentikazzjoni jew ċertifikazzjoni li, per eżempju, jirrikjedu d-dokuemnti skond l-artikolu 396. Pero' l-leġislatur fl-1980 biddel radikalment is-sistema. ..Issa l-awtentikazzjoni ssir mit-traskrittur skond is-subartikolu (4) tal-Artikolu 3.'

33. L-eċċezzjoni tad-difiża hija limitata għal fatt li m'hemmx il-firma tal-Maġistrat. Din il-Qorti kif preseduta taqbel mal-insenjament tas-sentenza ċċitata u ġaladarba hemm il-firma tat-traskrittriċi, l-artikolu tal-liġi huwa soddisfatt u m'hemm l-ebda nullita'. **Għaldaqstant qed tiċħad id-disa' eċċezzjoni.**

**Eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali**

34. L-ewwel eċċezzjoni kienet dwar l-ammissibilita' tal-prova ta' Victor Galea (numru 5 fuq il-lista indikata mid-difiża) stante li minn imkien ma jidher li d-depożizzjoni tiegħu tista' tkun relevanti għall-mertu.

35. Skond il-lista tax-xhieda dan għandu jixhed li l-akkużat kien imur jixtri minn għandu kif ukoll fatti oħra in ġeenrali relatati mal-każ.

36. Fil-fehma tal-Qorti ma jidher bl-ebda mod li dan ix-xhud jista' jitfa' xi dawl fqu il-fatti kif deskritti fil-Kapi tal-Att tal-Att tal-Akkuża. Għaldaqstant qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tiddikjara x-xhieda ta' Victor Galea bħala **inammissibbli.**

37. L-Avukat Ġenerali eċċepixxa wkoll l-ammissibbilita' tax-xhieda mmarkati Raymond Zerafa u Andrew kunjomu mhux magħruf. Skond id-difiża dawn huma intiżi sabiex 'jixhdu dwar il-problemi li kien għaddej minnhom l-akkużat dak iż-żmien u fatti oħra u ċirkostanzi relatati mal-każ'. Minn din id-deskrizzjoni tal-għan ta' dawn ix-xhieda, ma jidhirx li dawn ix-xhieda huma relevanti. Għalhekk il-Qorti qed tiddikjara li huma inammissibbli għalkemm dejjem jistgħu jittellgħu (jekk ikun hem ħtieġa) wara li jingħata l-verdett.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------